# Emmanuel Benjamin Vella (1899-1946)

**• Kittieb, Edukatur u Arkeologu**

**• Fost xogħlijiet oħra kiteb *Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja Tiegħu* (1926) kif ukoll jibqa' mfakkar għall-*Ġabra ta' Ward* li din is-sena tagħlaq 80 sena minn meta ġiet ippubblikata u bdiet tintuża fl-iskejjel Maltin**

E.B. Vella twieled il-Mosta fl-20 ta' Ġunju 1899. Studja fl-iskejjel elementari tal-Gvern u wara li qabad karriera fl-edukazzjoni u sar għalliem, ntbagħat St. Mary's College, Londra, u hemm kompla tħarreġ fil-qasam edukattiv. Sar Kap ta' skola u wara ġie appuntat spettur fl-iskejjel.



***Il-monument ta' Emmanuel Benjamin Vella (1899-1946)***

Vella kien interessat ħafna fil-lingwi. Għamel studji fil-lingwi orjentali fl-Università ta' Londra, barra li studja sewwa l-Ingliż, it-Taljan u l-Malti. Sar awtur prolifiku billi ppubblika numru ta' kotba fosthom is-sensiela ta' *Ġabra ta' Ward* li ħarġu fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor u li baqgħu jintużaw fl-iskejjel primarji sal-bidu tas-sebgħinijiet. Filfatt jien meta kont nattendi l-iskola Primarja, il-*Ġabra ta' Ward* kien diġà spiċċa u dak iż-żmien kellna s-sensiela d-*Denfil*. Kienu kotba mħawrin fuq kollox u tajbin daqs il-*Ġabra ta' Ward* imma issa daħlu fl-istorja tan-nostalġija bl-introduzzjoni riċenti tas-*Senduq Buffuri* u *Senduq Kuluri* fl-iskejjel primarji. Vella ħaseb ukoll għat-tagħlim tal-għalliema prospettivi u għal dan il-għan kiteb *The teaching of English in our Primary Schools.*

Forsi aħna lil Vella nafuh iktar għall-kotba *Ġabra ta' Ward* li ħareġ fis-snin tletin imma Vella kiteb dawn il-pubblikazzjonijiet ukoll - *Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja Tiegħu* (1926); *Iż-Żejtun u Marsaxlokk* (1930); *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* (1930); *Storja ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien* (1932); *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha* (1934); u *Storja tar-Rabat u l-Imdina* (1945).

Issa f'din il-kitba fil-qosor se nixħet l-attenzjoni tiegħi fuq *Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja Tiegħu* u s-sensiela *Ġabra ta' Ward* peress li din is-sena tagħlaq tmenin sena mill-pubblikazzjoni tagħha.

Għal dak iż-żmien, il-ktieb *Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja Tiegħu* li ħareġ fl-1926, kien l-ewwel tentattiv biex toħroġ l-istorja fil-beraħ ta' dan il-lokal. Hawn irridu nżommu f'moħħna li Vella kiteb l-istorja ta' Ħaż-Żabbar bl-għodda disponibbli li kellu f'dawk iż-żminijiet. Barra Ħaż-Żabbar, Vella inkluda wkoll ix-Xgħajra. Illum naturalment bl-iżviluppi li saru, hemm mezzi iktar effettivi u anki riċerka metikoluża biex tiġbor l-istorja imma għal dak iż-żmien kienet taqdi l-funzjoni primarja tagħha.

Min-naħa l-oħra, l-ewwel darba li ħarġet is-sensiela *Ġabra ta' Ward* kien bejn l-1930 u l-1935 u Vella pprova jiġbor tagħlim varju mill-aspetti tal-ħajja Maltija u barranija u jgħaddih lill-istudenti fl-iskejjel Maltin. Vella ried li t-tfal jitgħallmu japprezzaw il-qari u jħobbu l-ilsien nazjonali tagħhom. Permezz t'hekk, hu pprova jdaħħal sens patrijottiku f'kuntest kolonjali. Il-*Ġabra ta' Ward* kienet serje ta' sitt kotba, bl-ewwel tnejn immirati għaż-żgħar nett. Vella ħadem bl-ortografija l-ġdida li kienet għadha kemm ħarġet l-Għaqda tal-Kitteba tal-Malti, illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Fiż-żmien li qed nitkellmu fuqu, mhux bħallum, kotba bil-Malti għat-tfal kien ineżistenti u għalhekk kien Vella

li medd l-ewwel pass u sawwar kotba addattati għalihom.

Barra dan kollu li semmejt, Vella kellu interessi fl-istorja u l-arkeoloġija ta' Malta. Baqa' magħruf għall-istudji tiegħu fuq numru ta' lokalitajiet f'Malta. Fil-qasam arkeoloġiku Vella studja l-fdalijiet tal-antikitajiet li kienu jinsabu fil-Mużew Nazzjonali u mar fuq is-siti Neolitiċi u ta' perjodi bikrin oħra biex hekk ikun jista' jarahom mill-qrib u jistudjahom. Kien imur fuq il-post u jfittex u jniżżel dak li jara. Kien ukoll iqalleb fid-dokumenti u fil-kitbiet fuq dawn is-suġġetti. Kien jagħti taħdidiet u jmexxi ħarġiet kulturali fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u t-Tempji Neolotiċi ta' Ħal Tarxien.

Vella miet qasir il-għomor fil-Mosta nhar it-2 ta' Mejju 1946 u ġie midfun fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, ġewwa Raħal Ġdid. Fil-Mosta, insibu triq imsemmija għalih u monument li nkixef fl-1997 li jinsab fit-tarf tal-istess triq. Dan il-monument, xogħol tal-iskultur Ġanni Bonnici sar permezz tat-tħabrik tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Fl-1998, l-iskola Primarja 'B' tal-Mosta, issemmiet għalih biex hekk ukoll E.B. Vella jibqa' marbut mal-edukazzjoni. Hemm triq imsemmija għalih ukoll f'Birkirkara. Imma min-naħa l-oħra, hija ħasra li f'Ħaż-Żabbar mhawnx triq imsemmija għalih jew xi ħaġa li tfakkarna fih. Warajh Vella ħalla kotba li baqgħu jissemmew sallum u għadna nistgħu ngawduhom.

***Malcolm Schembri***

*Ir-ritratt meħud minn http://www.freewebs.com/culture_mosta/ nhar is-16/7/2010*

**Referenzi**


1. Dan id-diskors ta' Dr. George Cassar B.A. (Educ.), M.Ed., Ph.D. bl-isem *Il-versatilità fil-kitba ta' Emmanuel Benjamin Vella* ittella' waqt l-ewwel Festival Internazzjonali tal-Letteratura li sar waqt il-lejla *Ġabra ta' Ward* fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta nhar il-Ħamis 22 ta' April, 2010. Ara http://ktieb.wordpress.com/2010/04/23/1512/ li għamilt aċċess għaliha nhar is-17/7/10.
2. Pubblikazzjoni tas-Soċjetà Mużikali Lourdes Qrendi, Festa 2010. Ara Sergio Grech, *Il-Ġabra ta' Ward: Waqt Eċitanti fl-Istorja tal-Ktieb Malti u l-Iskejjel*, p.155-156.



